



*Il-Faċċata tal-Knisja tas-Salvatur fiż-Żejtun*

**L-Identita' Minsija u Mibdula tal-Knisja f'Bisqallin**

# Il-Viċi Parroċċa ta' Santa Marija u l-Knisja tas-Salvatur

Kitba ta' Sandro Debono B.A. (Hons.), M.A.
**Kuratur Mużew Nazzjonali tal-Arti • Heritage Malta**

Tul dawn l-aħħar snin riċerka dettaljata ppublikata fl-okkażjoni tal-festa titulari biddlet u ċċarat l-istorja taż-Żejtun, tal-knisja parrokkjali tiegħu u tal-opri tal-arti li hu mżejjen bihom. Hekk ġara fl-2002 meta ġie diskuss l-kwadru ta' San Girgor fil-knisja parrokkjali l-antika ta' Santa Katarina, fl-2005 meta ġie definit l-awtur tal-vara titulari ta' Santa Katarina u l-istorja tagħha, fl-2006 meta ġie identifikat l-awtur u l-istorja tal-vara tal-Madonna tar-Rużarju u fl-2007 meta ġiet riveduta d-data tal-konsagrazzjoni tal-knisja u diskuss fid-dettall ġrajjet l-artal maġġur tal-knisja parokkjali. Din id-darba jmiss li nagħtu ħarsa mill-qrib lejn il-knisja dedikata lil Santa Marija li serviet bħala viċi-parroċċa tul is-seklu sbatax u mill-arkivji nisiltu informazzjoni u konklużjonijiet li qed jidhru hawnhekk għall-ewwel darba.

## Il-lok fejn tinsab

Tradizzjoni tgħidilna li l-knisja l-qadima ta' Santa Marija kienet dik li llum tinsab f'misraħ Santa Marija f'tarf pjazza mdaqqsa qrib ħafna tal-proprjeta' li l-familja Bonici kienet bniet fiż-Żejtun. Xi whud ma jaqblux ma' dan il-ħsieb u filwaqt li jistqarru li ma kienetx dik li llum tinsab f'tarf Misraħ Santa Marija jindikaw minflok l-inħawi ta' Bisqallin qrib ħafna ta' Triq il-Lvant.[1] Jistqarru wkoll li din il-knisja nqerdet maż-żmien. Jidher ċar li fil-fatt din il-knisja kienet fl-inħawi ta' Bisqallin u dan nsibuh indikat u repetut għal bosta drabi fil-visti pastorali li l-Isqfijiet ta' Malta kienu jagħmlu minn żmien għal żmien fil-parroċċa taż-Żejtun. Kien tabilħaqq maqdes importanti li kien jaqdi lin-nies ta' Bisqallin mbegħda mill-knisja parrokkjali l-antika ta' Santa Katarina (San Girgor). Kien f'din il-knisja li l-Isqof Dusina fl-1575 waqqaf il-fratellanza tas-Ssmu. Sagrament u żamm id-dritt li ż-Żwieten jiċċelebraw fiha l-Erbgħa tal-Irmied u Ħadd il-Palm.[2]

L-informazzjoni li toħroġ mill-istess visti pastorali tindika wkoll li l-knisja ta' Santa Marija f'Bisqallin mhix għajr dik li llum hi l-knisja dedikata lit-Trasfigurazzjoni (tas-Salvatur) f'tarf Triq Ħabel ix-Xgħir. Il-visti pastorali tas-seklu tmintax jiddeskrivu l-knisja tas-Salvatur bħala dik li qabel kienet dedikata lit-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna (l-Assunzjoni jew Santa Marija) u li qabel kienet sservi ta' viċi-parroċċa, jinżammu s-sagramenti fiha u tiffunzjona minnha l-fratellanza tas-Ssmu. Sagrament. L-ewwel referenzi għal din il-kappella bħala tas-Salvatur iżda magħrufa bħala ta' Santa Marija nsibuhom fil-vista pastorali tal-1709, ftit snin wara li tibda tintuża l-korsija tal-knisja parrokkjali l-ġdida.[3] L-istess jerġa jingħad mill-Isqof Alpheran de Bussan fil-vista pastorali tal-1729 [4] u aktar tard f'dik tal-1737, [5] f'tal-1747 [6] u f'tal-1754 fejn l-Isqof Alpheran jerġa jtenni li f'din il-knisja kienu xi darba jinżammu s-sagramenti [7]. Visti pastorali ta' wara l-1754 wkoll itennu li l-knisja dedikata lil Santa Marija li serviet ta' viċi-parroċċa kienet l-knisja tas-Salvatur.

"l-knisja ta' Santa Marija f'Bisqallin mhix għajr dik li llum hi l-knisja dedikata lit-Trasfigurazzjoni (tas-Salvatur) f'tarf Triq Ħabel ix-Xgħir"

Harsa mill-qrib lejn il-knisja tas-Salvatur tixhed li l-qalba tagħha hi mibnija fi stil arkitettoniku tas-seklu sittax. Il-korsija tixbaħ ħafna binjiet oħra bħal, ngħidu aħna, l-korsija tal-knisja parrokkjali l-qadima ta' Santa Katarina ( San Girgor), Santa Marija ta' Bir Miftuħ u knejjes oħra medjevali li nbnew fl-istess żmien. Il-qafas tal-binja fih seba' arkati prinċipali ġejjin kemmxejn għall-ponta li fuqhom jistrieħ xriek imdaqqas li jagħlaq is-saqaf. Bejn kull arkata għadna naraw id-dukkien; spazju fejn in-nies fil-knisja setgħu jpoġġu bilqegħda. Il-kor jidher mibni fi stil akar tardiv b'saqaf fit-tond (Ingliż - **barrel vault**) iżda l-knisja għaddiet minn numru ta' tibdiliet. Il-faċċata li naraw illum hi dik mibnija fil-bidu tas-seklu għoxrin filwaqt li l-art saret bil-madum fl-1952.



*Il-knisja ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ fil-Gudja*



*Il-knisja tas-Salvatur minn ġewwa kif tidher illum*

## Il-Knisja ta' Santa Marija lejn Tmiem is-Seklu Sbatax

Id-deskrizzjonijiet tal-knisja viċi-parroċċa ta' Santa Marija tul is-seklu sbatax jagħtuna ħjiel ta' knisja funzjonali mgħammra b'kollox. Minbarra li kienu jinżammu fiha s-sagrament kienet wkoll mgħammra b'fonti tal-magħmudija. Interessanti kif fil-vista tal-1686, ftit snin qabel ma tittieħed d-deċiżjoni aħħarija li tinbena knisja parrokkjali ġdida, jissemma kor ġdid li kien għadu kemm inbena a spejjeż tal-Prijur tal-Ordni ta' San Ġwann Giovanni Battista Ansidei. [8] Kemm fil-vista tal-1686 kif wkoll aktar tard f'dik tal-1699, l-Isqof jiddeskrivi knisja bl-artal prinċipali dedikat lill-Assunzjoni tal-Madonna. [9] Iżda jsemmi wkoll artal dedikat lit-Trasfigurazzjoni ta' Kristu (s-Salvatur) kif wkoll kwadru ieħor tal-misteru tal-Viżitazzjoni tal-Madonna lil Santa Elizabetta fil-kor tal-knisja li t-tnejn kienu nġabu minn knejjes pprofanati li xi darba kienu fl-inħawi ta' Bisqallin. [10] Il-fratellanza tas-sagrament stabbilita f'din il-knisja kienet tgawdi wkoll minn numru ta' fundazzjonijiet għal quddies u obbligazzjonijiet oħrajn. Artal ieħor li kellha l-knisja kien dak dedikat lill-Marija Immakulata u li kien jinsab fuq il-lemin tal-artal maġġur.

Interessanti r-referenza għall-bini ta' kor ġdid mill-Prijur Ansidei. Fuq dan il-kavalier nafu ftit li xejn għalkemm jidher li twieled f'Perugia (Italja). Hemmhekk, il-kunjom Ansidei hu marbut ma' kappella privata li kellha l-familja fil-knisja ta' San Fiorenzo dei Serviti mżejjna bi kwadru importanti tal-pittur magħruf minn Firenze Raffaello Sanzio. Il-kwadru llum jinsab fin-National Gallery ta' Londra iżda jibqa' magħruf bħala Pala Ansidei. Il-Lapida fuq il-qabar tal-Prijur Ansidei fil-kon-kattidral ta' San Gwann tiddeskrivih bħala bniedem ġeneruż mal-fqar, mexxej grat u suldat karitattevoli iżda r-rabta tiegħu maż-Żejtun u l-għaliex ta' dan il-ġest hekk nobbli jibqgħu xi ftit jew wisq misterjużi. [11] Dan il-membru tal-Ordni ta' San Gwann jiżdied mal-lista ta' personalitajiet fi ħdan l-Ordni li rabtu isimhom maż-Żejtun fosthom il-Gran Kanċillier tal-Ordni Pedro Gonzales de Mendoza li ħallas għall-kwadru ta' San Girgor fil-knisja parrokkjali l-Qadima ta' Santa Katarina [12] u l-kavallier Corrado de Arezzo li kellu r-residenza tiegħu fiż-Żejtun u li kien ta s-suġġetta tiegħu lill-knisja parrokkjali biex tintuża waqt il-vjatku. [13]

"jissemma kor ġdid li kien għadu kemm inbena a spejjeż tal-Prijur tal-Ordni ta' San Ġwann Giovanni Battista Ansidei."



*Il-Knisja dedikata lit-Tħabbira tal-madonna (Lunzjata) f' Ħal Millieri, iż-Żurrieq*



*Il-kor tal-knisja tas-Salvatur*



*L-istemma tal-Prijur Giovanni Battista Ansidei kif tidher fuq il-qabar tiegħu fil-kon-kattidral ta' San Gwann*




*Lapida quddiem l-artal maggur li tfakkar il-mejtin midfunin f'din il-knisja*




*Lapida li tfakkar il-pavimentar mill-ġdid tal-knisja*





*Il-Pala Ansidei ( National Gallery, Londra) xogħol Raffaello Sanzio*



*Il-kwadru titulari tas-Salvatur fil-knisja taż-Żejtun*



## Il-Knisja tas-Salvatur magħrufa aħjar bħala ta' Santa Marija tul is-seklu Tmintax

Il-knisja tilfet mhux wisq mill-importanza tagħha hekk kif fetħet għall-kult il-korsija tal-knisja parrokkjali l-ġdida fl-1707. Hekk kif gara fil-kas ta' knejjes oħrajn, l-obbligi, l-piżijiet u l-opri tal-arti nġarru lejn il-knisja l-ġdida flimkien mal-fratellanzi prinċipali (dik tas-Sagrament u dik tar-Rużarju) li wkoll bdew jitrasferixxu l-operat tagħhom lejn il-knisja parrokkjali l-ġdida. [14]

Sal-1709, il-knisja viċi-parroċċa dedikata lill-Assunzjoni tal-Madonna kienet bidlet d-dedikazzjoni tagħha u tibda tissejjaħ bħala l-knisja tas-Salvatur għalkemm tibqa magħrufa bħala ta' Santa Marija. [15] L-kwadru titulari tal-Assunta jinbidel ma' dak li kien nġab minn knisja pprofanata taħt l-istess dedikazzjoni (tas-Salvatur) u l-legat marbut maċ-ċelebrazzjoni tal-festa tas-Salvatur jibqa' amministrat mill-fratellanza tas-Sagrament. [16] L-Isqof jirreferi għal artal ieħor fil-knisja tas-Salvatur dedikat lill-Kunċizzjoni, iżda waqt l-istess vista tal-1709, l-prokuratur ta' dan l-artal Dun Frangisk Cassar, talab li jitrasferih lejn il-kannierja tal-knisja parrokkjali l-ġdida. [17] It-talba ta' Dun Frangisk ntlaqgħet, l-artal fil-kannierja nbena u jidher li hu dak li għadna naraw sa llum. Bosta obbligi ta' quddies li kellha l-knisja kienu diġa ttieħdu lejn il-knisja parrokkjali l-ġdida u l-Isqof jidentifikahom hemmhekk waqt il-vista pastorali tiegħu. [18] Fil-knisja l-antika ta' Santa Marija issa dedikata lis-Salvatur ma jissemmiex iżjed il-fonti tal-magħmudija, l-ewkaristija fit-tabernaklu u l-kwadru tal-Visitazzjoni li kien jinsab fil-kor mibni ftit għexieren ta' snin qabel mill-Prijur Ansidei. Il-legat marbut ma' dan il-kwadru tal-visitazzjoni jissemma fid-dettall mill-Isqof iżda marbut mal-artal maġġur tal-knisja parrokkjali l-ġdida.[19] Il-festa tat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna tibda wkoll tiġi ċċelebrata mill-fratellanza tas-Ssmu. Sagrament fil-knisja parrokkjali l-ġdida. [20]

Bidla mportanti sseħħ fl-1737. Il-knisja kellha sa dak iż-żmien presbiterju mdawwar bil-ballavostri u l-kwadru titulari mdendel fuq artal tal-ġebel bi skanell tal-injam kien għadu dik li nġieb minn knisja pprofanata dedikata lis-Salvatur fl-istess inħawi ta' Bisqallin. Dak in-nhar tal-vista pastorali tal-1737, Mattew Bonavia minn Casale Paqualino (Bisqallin) indaħal biex iħallas minn butu kwadru titulari ġdid li jirrappreżenta lit-trasfigurazzjoni ta' Kristu. [21] Il-kwadru, li probabbilment huwa dak li għadna naraw sa llum il-ġurnata bħala titular ta' din il-knisja, jiġi deskrit ferm tajjeb bil-qisien tiegħu u l-Isqof jagħti wkoll l-kunsens tiegħu biex jsir. L-awtur tal-kwadru jibqa' mhux daqstant magħruf iżda nsibu xebħ interessanti max-xogħlijiet ta' {ian Nikola Buħaġiar li ftit aktar tard tqabbad ipitter l-arzella tal-kappellun tal-kurċifiss fil-knisja parrokkjali l-ġdida. Il-kwadru hu ispirat mill-kwadru ta' Raffaello Sanzio fil-Vatikan li kien kwadru rappreżentattiv ħafna ta' din il-ġrajja.

Il-knisja tibqa tintuża u jibqgħu jsiru xi tibdiliet. Artal ieħor barra dak titulari jerġa jissemma li qiegħed fil-knisja fl-1747. [22] Aktar tard jissemma kwadru ieħor mill-Isqof Rull fil-Vista Pastorali tal-1759 li

" L-kwadru titulari tal-Assunta jinbidel ma' dak li kien nġab minn knisja pprofanata taħt l-istess dedikazzjoni (tas-Salvatur)"



jirrapreżenta lit-tlugħ fis-sema tal-Madonna li aktarx kien fil-kor taħt il-kwadru titulari. 23 Madanokollu, ma nsibu l-ebda referenza li l-knisja twaqqgħet biex tinbena mill-ġdid jew li sar xi xogħol konsiderevoli fl-istruttura. Kollox jibqa' jindika li l-korsija hi binja antika li d-dokumentazzjoni turi li ma ntmessitx radikalment tul is-seklu tmintax kif konna naħsbu sa ftit taż-żmien ilu.

## Konklużjoni

Il-knisja tas-Salvatur hi għaldaqstant knisja ta' importanza li jeħtieġilha tkun apprezzata ħafna aktar. Hi l-knisja li serviet ta' viċi-parroċċa u li għad għandha elementi arkitettoniċi ta' interess storiku. L-identita' mibdula ma għandha ttellef xejn mill-apprezzament ta' dan il-wirt storiku Żejtuni.

© Sandro Debono 2008

1. J.Abela, The Parish of Zejtun through the Ages, Midsea Books, 2006, 20. '...probably was situated at Bisqallin, today's lower Zejtun. No trace of this church has survived , but in all likelihood it stood in present day levant street.'
2. Ara J. Abela, 2006, 21.

3. V(ista) P(astorali), 1709, fol. 345v. 'Visitatio Ecclesia Filialis sub Titulo SS. Salvatoris alias Assumptionis B.M.V.'

4. V.P.,1729, fol. 561. '...Visitavit Ecclam filialem alias sub tit.o Assump.nis B.M.V. modo vero Ssmi Salvatoris...'.

5. V.P. 1737, fol. 752. ' Visitavit Ecclesiam filialem alias sub titulo Assumptionis B.M.V. modo vero sub titulo Ssmi Salvatoris positam in Casali Pasqualino ....'

6. V.P. 1747, fol. 525v. L-Isqof Alpheran jistqarr li qed iżur l-knisja l-antika ta' Santa Marija iżda li fil-fatt ddedikata lis-Salvatur.

7. V.P., 1754, fol. 410. ' ...quia ante aedificat.em nova parochia nova parochia in ea pro comodo populi ab distantiam antiquae parlis eġcclesiah Cas. Zeijtun conservabatur SS. Eucaristiae sacramentum, sacra olea, et Fons Baptismalis.'

8. V.P. 1686, fol 315v. ' parvum chorum de recenti constructuġmh ex pietatis et expensis Illmis Domini Prioris Giovanni Battista Ansidei Ordini Hier mi....'

9. V.P. 1699, fol. 156-159.

10. V.P., 1686, fol. 316 – 316v; V.P. 1699, fol. 156-159.

11. L-iskrizzjoni tal-Lapida fuq il-qabar tal-Prijur Ansidei tgħid hekk ' FRATRIS JOANNIS BAPTISTÆ ANSIDEI, PERVSINI PATRICII, QVI, ANXIE DEI GLORIA CVNCTIS ANTEPOSITA, BIS COMENDATARIVS TER FRVGI FILIVS IMÆ MATRI, STRENVE PRÆSTITIS OBSEQVIIS, AD BAIVLIVATVM SANCTÆ EVPHEMIÆ DIGNE MAGIS QVAM FORTVNATE ASSVMPTVS, HILARE PAVPERIBVS COR, MANVS APERIENS, CONTRA VIM REFLANTEM REMIS PATIENTIÆ, CHARITATE COMITE, GVBERNATE GRATIA, INVIDÆ FORTVNÆ SCOPVLOS EVASIT. QVISQVIS IS O SAPIENS VRNÆ SPECVLAT(OR) ODOROS IRRORANS CINERES, MANIB(VS) ADDE PRECES. TRANSIIT A(NNO) D(OMINI) MDC.

12. Ara S. Debono, Kwadru u Ġrajja: Il-Kwadru tal-Artal ta' San Girgor fil-Knisja Parrokkjali l-Antika ta' Santa Katarina, Programm Festa Ghaqda Mużikali Beland, 2002.

13. Ara J. Abela, 2006, 117.

14. Hekk ġara, per eżempju fil kas tal-artal ta' Sant'Andrija li qabel kien jinsab fil-knisja tal-Ispirtu s-Santu u li fl-1709 kien diġa ġie ttrasferit fil-knisja parrokkjali l-ġdida. Ara V.P. 1709, fol. 373v. '...translatum ab ecclesiam filiali sub titulo Spiritus Sancti...' L-istess ġara bil-kwadru tal-artal tal-madonna tar-Rużarju li kien ittieħed lejn il-knisja l-ġdida. Ara V.P. 1709, fol. 372v. '...eius icona ab antiquq ecclesia translata...'

15. 1709. 345v. 'Visitatio Ecclesia sub titulo SS. Salvatoris alias Assumptionis B.M.V.'

16. V.P. 1709, fol. 376

17. V.P., 1709, fol. 376.

18. V.P. 1709. fol. 370. L-Isqof jirreferi għal lista ta' obbligi, legati u piżijiet oħrajn bħala li kienu ġew ttrasferiti mill-knisja parrokjali l-antika ta' Santa Katarina kif wkoll '...et aliqua in supramemoriata Ecclesia filiali sub tito. Assumnis. B.M.V. posita in Casali Paschalino de tempore...'

19. V.P., 1709, fol. 371.

20. V.P. 1709, fol. 369v. '...V. Conftas celebrari facere in hac nova ecclesia festum Assumpnis B.M.V. cum primis vesperis, et Missa cantata quod prim. Celebratur in peta. Ecclesia filiali posita in Casalis Paschalino sub eodem titulo Assumpnis.'

21. V.P. 1737, fol. 752. ' ...Comparavit Mattheus Bonavia de Casali Pasqualino et presens sponte se obligavit ere proprio fieri facere novam iconam longitudinis palmorum sex et latitudinis palmorum quatuor...'

22. V.P. 1747, fol. 525v. Deskrizzjoni tat-titlu tal-artal tissemma fil-vista tal-1754. Jidher li l-artal tal-visitazzjoni reġa nġieb lejn il-knisja ta-Salvatur flimkien mal-piżijiet u l-obbligi li kellu. Ara V.P., 1754, fol. 410-411.

23. V.P. 1759, fol. 467v - 468. ■

"Il-knisja tas-Salvatur hi għaldaqstant knisja ta' importanza li jeħtieġilha tkun apprezzata ħafna aktar."

mts
Art, Crafts & Haberdashery Supplies

• Craft Courses
• Smart Card Accepted
• Parties for Children including Crafts

173/175/177 Bajada Str., Zabbar ZBR 02, Malta.
Tel./Fax: +356 21691300
e-mail: info@mtsmalta.com
www.mtsmalta.com